**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' April, 2025**

Rikors Numru: 03/2025 AL

A B

Vs

C D

(M.R. Numru 1752/2015)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu jesponi:

Illi l-partijiet ikkontrattaw iż-żwieġ tagħhom fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), liema żwieġ gie irreġistrat fir-

reġistru pubbliku ta' Malta biċ-ċertifikat numru wieħed- seba'-ħamsa-tnejn tas-sena elfejn u ħmistax (1752/2015), anness u mmarkat **Dok A**.

Illi l-partijiet isseparaw bonarjament fit-dsatax (19) ta' April tas-sena 2024 kif jirrizulta minn kuntratt ta' separazzjoni bonarja in atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana hawn anness u mmarkat **Dok B**.

Qieghed jigi prezentat affidavit tal-esponenti hawn anness u mmarkat **Dok C**.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom u illum għandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta’ Jannar 2025;

Rat illi l-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti wiegeb li ma jsibx oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' April 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.